

Brussell, 7 ta' Frar 2022  
(OR. fr)

5876/22

FIN 99  
INST 21  
PE-L 4

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	5669/22
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

---

1. Fis-26 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2022 relatata mal-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2020/000 TA 2022 - Assistenza Teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni)<sup>1</sup>, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju<sup>2</sup>.
2. L-għan ta' dan it-trasferiment huwa li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 290 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 30 04 02 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*) u ammont ta' EUR 290 00 f'approprjazzjonijiet ta' pagament mill-Artikolu 16 02 02 (*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*) għall-Artikolu 16 01 01 (*Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati*), kif indikat fid-dokument 5669/22.

---

<sup>1</sup> Dok. 5668/22.

<sup>2</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Frar 2022.
  4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
    - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif imniżżel fid-dokument 5669/22; u
    - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dak l-għan.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill  
lil: il-President tal-Parlament Ewropew  
kopja: il-President tal-Kummissjoni

Sa President,

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018<sup>1</sup>, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola ta' għeluq).

---

---

<sup>1</sup> Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).